Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/329

20.2.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/329

tad-19 ta' Frar 2025

li jirrevoka l-eżenzjoni mid-dazju anti-dumping fuq partijiet essenzjali tar-roti mogħtija lil Solo International Oy

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 13(4) u 14(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 fuq roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tar-roti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li jimponi d-dazju estiż fuq dawn l-importazzjonijiet irreġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 703/96 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/45 tal-20 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1379 dwar l-estensjoni tad-dazju tal-anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti komponenti tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 ([3]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' whud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tad-dazju anti-dumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 ([4]) ("ir-Regolament ta' eżenzjon"), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri eżistenti u eżenzjoni

(1) Il-miżuri fis-seħħ bħalissa huma dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 71/97 u estiż bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/45.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2362 ([5]), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1461 ([6]), l-importazzjonijiet iddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn Solo International Oy jew f'isimha bil-kodiċi addizzjonali TARIC B940 huma eżentati mill-ħlas tad-dazju anti-dumping(1).

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55.
([3]) ĠU L 16, 21.1.2020, p. 7.
([4]) ĠU L 17, 21.1.1997, p. 17.
([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2362 tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar eżenzjonijiet mid-dazju antidumping estiż fuq ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 (ĠU L 331, 17.12.2015, p. 30).
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1461 tas-26 ta' Awwissu 2022 dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 (ĠU L 229, 5.9.2022, p. 69).

1.2. **Bidu ta' investigazzjoni *ex-officio***

(3) Il-Kummissjoni, wara li ddeterminat li kienet teżisti biżżejjed evidenza għal bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' eżenzjoni, u infurmat lill-Istati Membri b'dan, bdiet investigazzjoni ta' rieżami biex tiddetermina jekk Solo International Oy kinitx qed tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' eżenzjoni jew kinitx involuta f'dikjarazzjonijiet doganali ħżiena, u biex tagħmel l-importazzjonijiet tagħhom (il-kodiċi addizzjonali TARIC B940) soġġetti għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(4) L-investigazzjoni nbdiet fl-10 ta' Settembru 2024 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2384 ([7]) ("ir-Regolament tal-bidu").

1.3. **Prodott taħt rieżami**

(5) Il-prodott taħt rieżami huwa partijiet essenzjali tar-roti kif definit fir-Regolament (KE) Nru 71/97, iddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn Solo International Oy jew f'isimha (kodiċi addizzjonali TARIC B940).

1.4. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami**

(6) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami").

1.5. **Investigazzjoni**

(7) Il-Kummissjoni informat uffiċjalment lil Solo International Oy u lill-awtoritajiet doganali Finlandiżi dwar il-bidu tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil Solo International Oy u lill-awtoritajiet doganali Finlandiżi.

(8) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fil-limitu ta' żmien stabbilit fir-Regolament tal-bidu.

2. **REVOKA TAL-EŻENZJONI**

(9) Fit-8 ta' Ottubru 2024, Solo International Oy informat lill-Kummissjoni li kienet ippreżentat rikors għal falliment fis-7 ta' Ottubru 2024 u waqqfet l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħha.

(10) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtorizzazzjoni għal eżenzjoni mogħtija lil Solo International Oy jenħtieġ li tiġi rrevokata mis-7 ta' Ottubru 2024, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' eżenzjoni.

(11) Minn dan isegwi li l-investigazzjoni jenħtieġ li tingħalaq. Jenħtieġ li d-dazji anti-dumping ma jinġabrux fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-bidu.

3. **DIVULGAZZJONI**

(12) Fit-2 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni ddivulgat lill-partijiet interessati kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li wasslu għall-konklużjonijiet ta' hawn fuq u stednithom jikkummentaw. Ma wasal l-ebda kumment.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

([7]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2384 tad-9 ta' Settembru 2024 li jagħti bidu għal rieżami ta' parti eżentata skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 u li jagħmel l-importazzjonijiet tal-parti eżentata soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2024/2384, 10.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2384/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-eżenzjoni mid-dazju anti-dumping fuq partijiet essenzjali tar-roti kif definit fir-Regolament (KE) Nru 71/97, b'mod partikolari:

— Frames miżbugħa jew anodizzati jew ippolixjati u/jew mogħtija l-lostru (kodiċi NM ex 8714 91 10, kodiċi TARIC 8714 91 10 31, 8714 91 10 35 u 8714 91 10 39)

— Frieket ta' quddiem miżbugħin jew anodizzati jew ippolixjati u/jew mogħtija l-lostru (kodiċi NM ex 8714 91 30, kodiċijiet TARIC 8714 91 30 35 u 8714 91 30 39)

— Gerijiet derailleur (kodiċi NM ex 8714 99 50, kodiċijiet TARIC 8714 99 50 91 u 8714 99 50 99)

— Mekkaniżmi tal-pedali (kodiċi NM ex 8714 96 30, kodiċi TARIC 8714 96 30 90)

— Roti tat-tip free-wheel sprocket-wheels (kodiċi NM ex 8714 93 00, kodiċi TARIC 8714 93 00 19), kemm jekk preżentati f'settijiet kif ukoll jekk le

— Brejkijiet oħrajn (kodiċi NM ex 8714 94 20, kodiċi TARIC 8714 94 20 99)

— Mankijiet tal-brejkijiet (kodiċi NM ex 8714 94 90, kodiċi TARIC 8714 94 90 19), kemm jekk preżentati f'settijiet kif ukoll jekk le

— Roti kompluti b'tubi, tajers u sprokits jew mingħajrhom (kodiċi NM ex 8714 99 90, kodiċi TARIC 8714 99 90 19)

— Manubriji (kodiċi NM ex 8714 99 10, kodiċi TARIC 8714 99 10 89 u 8714 99 10 99), kemm jekk preżentati kemm jekk ikollhom imwaħħla s-sieq, il-mankijiet tal-brejkijiet u/jew tal-gerijiet, kif ukoll jekk le

mogħtija lil Solo International Oy (kodiċi TARIC addizzjonali B940) hija rrevokata b'effett mis-7 ta' Ottubru 2024.

2. Ma għandhomx jinġabru dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2384.

Artikolu 2

L-awtoritajiet doganali huma ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2384.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN